# Kunsill Lokali Gżira

18 ta' Mejju 2022

**Ref Nru. 44/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 43/2022 li saret l-Erbgħa 27 ta' April 2022

Il-Kunsill ltaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoom fil-5.30pm.

**Preżenti**

Tmien membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Alex Zammit, Hugh Caruana, Shaun Farrugia u Jessica Borg flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Il-Kunsillera Jeremy Cardona

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareg fl- 22 ta' Marzu 2022

**44.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji**

44.1.1 L-Apoloġiji ġew moqrija.

**44.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

44.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret il- 30 ta’ Marzu 2022 ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

44.2.2 Paġna Nru.2 para 43.2.2 – Ħsara fil-Lift – Is-Sindku informa lil Kunsill li s-Service provider wara xi disgwid fuq kif jista jitranga il-lift baghtu technician. Is-Segretarja kompliet wara spezzjoni tat-techncian ġie stabbilit li kien hemm part mil-motherboard li triq tinbidel, madanakollu peress li l-lift antik din il-part ma instabitx. Għaldqastant it-technician qala il-part sabiex jara jekk tista tissewwa. Is-Segretarja għandha tinforma lil kunsill kif ikollha iktar informazzjoni.

44.2.3 Paġna Nru.2 para 43.2.4 – Problema tal-Funerali – Is-Sindku iddiskuta mal-kappillan dak li ġie deciz mil-Kunsill, fejn it-triq ma tingħalaqx waqt il-funerali u kien hemm qbiel. Is-Sindku kompla jzied li għalkemm għal hmistax li gejjin ix-xogħolijiet fit-toroq ser jieqfu ħabba ic-celebrazzjoniet taċ-ċentinarju, xorta waħda irid isir pjan ta’ traffic management skont il-bzonnijiet u ic-cirkostanzi tal-progett. Fuq mistoqsija tal-Kunsillier N.Cethcuti, is-segretarja ikkonfermat li s-signs gew ordnati u waslu biex jaslu. Dawn ser jingħataw lil kappillan sabiex johroġhom kull meta jkun hemm funeral. Il-Kunsiller S.Farrugia staqsa fuq it-tabella li hemm mal-pole. Din it-tabella għandha tinbidel u tirrifletti il-ħinijiet korretti kif inbidlu.

44.2.4 Paġna Nru.2 para 43.2.5 – Community Police – Is-Sinku ikkonferma lil kunsill għandhom jibdew fl-aħħar kwart tas-sena. Il-Kunsill qabel li l-ittra għandha xorta wahda tintbghat. Mandanakollu l-ittra lil Ministru u is-Surpretendent għandha tintbghat u jigu ikkumpjati il-Kunsilliera kollha.

44.2.5 Paġna Nru.4 para 43.2.6 – Pjazza Meme Scicluna – Il-Vici Sindku R.Mangion staqsa għal aġġornament fuq l-applikazzjoni mal-Planning Authority, fejn is-Sinku infurmaħ li sabiex tkun tista tiċċaqla s-siġra taż-żebbug, kien hemm bzonn li jiġi appuntat specjalista. Dan l-ispeżjalista ġie appuntat u kull ma jonqos hu li jiġi ipprezentat CV tiegħu.

Rigward il-problema ta queue kbir barra il- polyclinic, is-Sindku qal li tkellem ma tal-HealthCare u ma tantx qablu ma’ l-idea, pero lesti jitkellmu iktar fil-fond sabiex tinstab soluzzjoni. Madankollu, is-Sindku stqar li l-bidliet irid jsiru minn naħa tagħhom.

44.2.6 Paġna Nru.3 para 43.3.4 – Serviżż ta' Maintanance tal-laptops – Il-Kunsillera J.Borg staqsiet dwar aġġornament fuq l-informazzjoni mitluba għas-servizz ta' maintanance fuq laptop lir-residenti. l-Sindku infurma lil Kunsill li l-fornitur ma żamx din l-informazzjoni. Wara diskussjoni il-kunsill iddeċieda li jerġa jiffirma kuntratt ieħor ta' sena bil kundizzjoni li fil kuntratt ikun hemm imnizzel li tali informazzjoni trid tkun imniżżla u li għandha tiġi iffirmata Consent Form mil-klient sabiex din l-informazzjoni tkun tista' tingħata lil kunsill mingħajr ma jkun hemm ksur tal-GDPR. Il- Kunsill qabel ukoll li jħabbar dan is-servizz kemm fuq facebook, kif ukoll fil-booklet li ser joħroq f'Ġunju.

44.2.7 Paġna Nru.3 para 43.4.3 – Public Convenience – Il-Kunsiller N.Chetcuti staqsa għal-aġġornament fuq il-Public Convenience. Is-Sindku infurma lil kunsill li saret ir-rampa għal aċċess xieraq. Semmha ukoll li l-partitions ser jieħu mil-inqas sitt ġimgħat sakemm jaslu. Il-Kunsill ġie infurmat li dawn il-partitions ġew mixtrija għaliex kien hemm fondi mir-reġjun li l-kunsill setgħa juza. Is-Segretarja għandha tati koppja ta l-ispecifications lil kunsilliera. Il-Kunsill insista li l-fornitur jiġi imħeġġeġ sabiex iżomm iż-żmien stipulat u ma jġebbitx iktar. Il-Kunsill qabel li l-Public Convenience ma tinfetahx qabel il-kunsill ma jieħux id-deciżżjoni fuq l-attendent. Għaldaqstant il-laqgħa ma tal-gabbana għandha issir minnufih.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll il-possibilta li jintrama fence fuq is-saqaf tal-letrina u jitpoggew xi pjanti. Is-Segretarja għanda tiċċekja jekk hemmx bzonn permess sabiex isir ċint tal-injam u tmexxi kif hemm bzonn.

44.2.8 Paġna Nru.4 para 43.4.4 – Sleeping Police Triq Ponsomby – Il-Kunsillier S.Farrugia staqsa jekk kienx hemm xi ħadd li iċċekja fejn l-aħjar għandhom isiru s-sleeping police sabiex jiġu evitati aċċidenti. Hadd għadu ma iċċekja, pero l-amministrazzjoni ser tieħu ħsieb li ssir fi żmien ġimgħa.

44.2.9 Paġna Nru.4 para 43.6.1 – Silos tal-Ħamiem – Il-Kunsiller N.Chetcuti infurma lil kunsill li s-silos ilhom li twaħħlu minn Awwissu, pero ħadd ma infurmaħ. Is-Sindku innota li dan huwa kaz isolat għaliex l-front office dejjem jinfurmaw b'dak kollu li jkun qed jiġri. Il-Kunsiller N.Chetcuti kompla jgħid li l-pass li jmiss huwa li jitwaħħlu l-gaġġeġ, fejn dawn iridu jitħalsu mil-Kunsill. Is-Sindku sostna għal iktar minn darba li s-soluzzjoni mhux sa ssolvi il-problema. Kompla billi jgħid li l-kunsill għandu f'idejh permess sabiex isir *culling* fuq il-ħamiem, il-problema hija l-iskorta tal-puluzija li hija mandatorja. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita li jintuzaw il-puluzija tal-events u jitħalsu mil-kunsill. Il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt ma din id-divizjoni għal iktar informazzjoni. Il-Kunsill ikkonkluda li jibqa għaddej fuq dan il-pjan.

44.3.10 Il-Kunsill qabel li kwalunkwe korrespondenza fuq dak li jiddiskuti matul l-laqgħat, il-membri kollha għandhom jiġu inkluzi f'dawn l-emails.

44.2.11 Il-Kunsilliera J.Borg talbet li fil-minuti jitnizlu minn għamel il-mistoqsijiet fl-aħħar laqgħa. Is-Segretarja ikkonfermat li ser tagħmel l-emenda.

44.2.12 Il-Kunsilliera reġaw qajmu l-laqgha mal-kappillan li s'issa qatt ma saret. Wara diskussjoni il-kunsill qabel li l-kleru jiġi mistieden għal zjara fl-Uffijcu tal-Kunsill b'mod ufficjali u jsir festin zgħir. Is-Sindku għandu jiddiskuti u jinnotifika meta għandha issir din z-zjara.

44.2.13 Il-Kuinsilliera J.Borg saqsiet dwar il-Wifi tax-xatt u tas-Savoy Garden. Is-Segretarja infurmat lil kunsill li il-Wifi ta' Savoy Gardens ġie irrangat. Fuq il-Wifi tax-Xatt, irid isir kuntatt mal-MCA sabiex sas-sajf din il-problem tissolva.

44.2.14 Is-Sindku semmgħa li fuq il-kameras tat-toroq, il-kunsill jista jitlob l assistenza tan-negozji fil-lokalita. Dan billi jipprovdu dawl u internet f'kull lokazzjoni. Il-Kunsill iddecieda li jibghat ittra lin-negozzji sabiex u jagħmel talba għal Corporate Social Responsability. Negozji li jipprovdu din l-assistenza għandhom jiġu promowtjati.

44.2.15 Il-Vici Sindku R.Mangion Il-Kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 43 jiġu approvati. Il-Kunsillier N.Chetcuti ssekondaħ.

## 44.3 Komunikazzjoni tas-Sindku

44.3.1 Progett Varcities – Dr.Daniel Micallef li huwa il-Project Leader ta' Varcities ġie mistienen jindirizza lil kunsill sabiex jipprezenta il-progett ta' Varcities. Dan seħħ fil-bidu tal-laqgħa qabel il-qari u l-approvazzjoni tal-minuti.

Dr Daniel Micallef spjega li l-progett hu maqsum fi tliet; Zvilupp fil-grounds ta l-iskola Santa Clara, zvilupp fiz-zona tal-bus stop f'Rue D'Argens u inizjattiva ta' Popup Gardens madwar il-lokalita. Dr.Micallef ta' spjegazzjoni dettaljata ta x'jinvolvu dawn il-progetti u infurma lil kunsill li il-fondi tal-progett Varcites jkopru parti sostanzjali minn dan il-progett. Il-Kunsill ingħata l-opportunita jsaqsi mistoqsiiet, fejn Dr Micallef irrisponda ghal kull domanda. Il-Kunsill endorsja dan il-progett, fejn qabel li ser ikun ta' kontribut kbir għal-lokalita.

44.3.2 Progett Manoel De Vilhena – Is-sindku infurma li saret laqgħa mal-Periti u il-kuntratturi fejn gie diskuss l-izvilupp tal-progett. Huwa spjega li l-kuntrattur huwa barrani, li meta qed isib problema qed jieqaf mix-xogħolijiet u jiddiskuti mal-periti kif x-xogħol jista jitkompla bl-aħjar mod. Innota li dan huwa l-aħjar mod li wieħed jaħdem għaliex fil-futur ma jkunx hemm problem fuq xogħol li sar ħazin.

Waqt din il-laqgħa gie diskuss il-possibilta li jsiru zewġ spralli sabiex jitnaqqas l-ammont ta' ilma tax-xita li jinzel minn Rue D'Argens. Biss għad iridu isiru iktar diskussjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni għal livel ta' l-ilma.

Is-Sindku infurma lil-Kunsill li minħabba ic-celebrazzjonijiet taċ-ċentinarju x-xogħolijiet ser jaghmlu ħmistax wieqfin. La darba jitlesta ix-xogħol fuq Carlo Manche, u sabiex ma jkunx hemm xkiel għal festa, it-tieni parti tal-progett ser isir mid-dar tal-kappillan il-fuq. Irid isir ukoll pjan ta' traffic management fuq fazijiet skont ix-xogħol li jkun għaddej.

44.3.3 Ittra Lands Authority/Gnien Kunsill tal-Europa – Is-Sindkuipprezenta ittra li bagħtu il-Lands Authority fejn l-ittra tinfurma lil-kunsill li l-awtorita ser tieħu lura bicca mil-ġnien, il-parti fejn hemm ippjanat l-izvilupp tal-pompa. Wara diskussjoni il-kunsill qabel li jappella bil-qorti. Il-Kunsill qabel ukoll li jirrima resoluzzjoni sabiex tiġi ipprezentata il-qorti. L-Appell għandu jiġi imressaq il-qorti sal-ġimgħa 29 ta' April 2022.

43.3.4 Is-Sindku infurma lil kunsill li Shirley ġiet ippuntata bħal Assitant Project Leader fuq il-proġetti ta' l-unjoni europea. B'hekk il-paga tagħha ser tkun iffinanzjata kollha mil-progetti. Għaldqastant il-kunsill ser jinpjega persuna ohra full time fil-front office.

43.3.5 Maintanace tal-Ġnien – Is-Sindku ħabbar lil il-kuntratt mal-ELC dwar manutenzjoni tal-ġnien dalwaqt jiskadi. Hu semmgħa li hemm żewg soluzzjonijiet; waħda li l-kuntrattur jaċċetta li jestendi il-kuntratt u t-tieni li-ħaddiema ta' CWS jibdew jagħmlu dan ix-xogħol ma xogħlijiet ohra. Il-Kunsill għandu jipprovdi bowser ta' l-ilma u dak kollu li hemm bzonn sabiex dawn il-ħaddiema jkunu jistaw jagħmlu dan ix-xogħol.

## 44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

44.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet

## 44.5 Rapporti

44.5.1 Il-Kunsill ma iddiskuta l-ebda rapport.

## 44.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

44.6.1 Gbir tal-ħgiegu skart organiku – Il-Kunsillier S.Farrugia semmgħa li hemm bzonn tizdied il-frikwenza tal-gbir tal-ħgieg. Is-Sindku stqarr li l-kuntrattur kien diġa kelmu u saret it-talba lil Greenpak. Twegieba għadha ma ingħatatx.

Fuq l-stess argument, il-kunsillier S.Farrugia qal li l-skola mhumiex jifirdu l-skart, b'tali mod li t-tfal mhux qed jaraw ezempju tajjeb. Is-Sindku għandu jkellem l-iskola sabiex din is-sitwazzjoni titranga.

Il-Kunsillier N.Cetchuti semmgħa li hemm bzonn tizdid gurnata oħra għal ġbir tal-iskart organiku. Is-Sindku semmgħa li kull ġabra tiswa 550 Euro lil-kunsill. Għaldaqstant din is-sistema ser tiġi introdotta għal xagħar, u wara li jiġi ezaminat il-process, tittiehed decizjoni permanenti.

44.6.2 Il-Kunsillier S.Farrugia semmgħa li bis-sistema il-ġdid ta' l-online permits certu mizati tnaqqsu, b'tali mod li ħa jaffetwa it-dħul tal-kunsill.

44.6.3 Il-Kunsillier N.Cetchuti semmgħa li hemm bzonn jinqala xi ħaxix f'certu toroq bhal Triq San Gorg. Il-Kunsill iddecieda li jqabbad lil Charles sabiex jaghmel dan ix-xogħol. Il-Kunsill għandu wkoll jiccekja jekk hemmx xi mezz kif dan il-haxix ma jergax jikber mingħajr ma jagħmel hsara lil annimali.

44.6.4 Il-Kunsillier N.Cetchuti semmgħa l-MOU li kien sar ma' tal Cleansing Department, fejn il-kunsiller qal li hemm bzonn jingħata aġġornament dwar x'qed isir. Is-Sindku qal li dan d-dipartiment qed jagħmel dak li jista u ma hemmx bzonn ta' aġġornament fuq dan.

44.6.5 Il-Kunsillier N.Cetchuti rega' semmgħa l-inkompetenza tal-Lesa, fejn is-Sindku qal li l-kunsill jaf x'inhi il-problema. Kompla jgħid li sabiex is-sistema taħdem, il-kunsill irid ikollu assenjat l-stess wardens fil-lokalita u fejn il-kunsill ikollu kuntatt dirett miegħu ta' kuljum.

44.6.6 Il-Kunsillier N.Cetchuti semmgħa il-bzonn li jingħata powerwash fejn l-iskola. Meta issemmgħa kas fejn weggħat tifla, is-Sindku ta' l-istruzzjoni sabiex isir minnufih. Issemgħa ukoll powerwash għal housing estate, li l-Kunsillier N.Chetcuti ikkonferma li jsir darbtejn fis sena. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir iktar spiss. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir tindif tal-toroq kollha sew qabel il-festa.

44.6.7 Il-Kunsillier N.Cetchuti staqsa dwar il-camera tal-lesa li hemm faccata tal-HSBC. Is-Sindku qal li għamel kuntatt magħhom imma għadu qiegħed jistenna risposta.

44.6.8 Is-Sindku qajjem il-problema prezenti fuq is-segretarju ezekuttiv, fejn semma li apparti l-minuti u l-agenda qedin jintbghatu tard, il-kunsill qed jaffacja problemi oħra bħal certu xogħol li jdum ma jsir jew ma jsirx. Is-Sindku stieden lil kunsilliera isemmgħu it-thassib tagħhom, fej hafna mil-kunsilliera qablu miegħu. Is-Sindku qal ukoll li il-call għas-segretarju ezekuttiv ma ħargietx għal dawn ir-ragunijiet. Informa lil kunsill li tkellem mas-segretarju ezekuttiv u urija fejn mhux kuntent. Il-Kunsill qabel mal

proposta tas sindku li is-segretarju ezekuttiv tingħata xahar sabiex tirrettifika is-sitwazzzjoni u tittieħed decizjoni finali fil-laqgha li jmiss.

44.6.9 Il-membri iddiskutew fil-fond il-process ta' xiri b'ammont sostanzjali mil-kunsill. Il-Kunsill iddecieda li l-membri għandhom jiġu prezentati bil-quotes qabel ma tittieħed decizjoni ta' liema fornitur għandu jieħu il-call. Għaldaqstant ġie deċiz li jiġi ikkreat folder fejn il-quotes kollha miġbura ikun aċċessibli mil-kunsilliera kollha.

44.6.10 Il-Kunsill iddecieda li jmexxi il-board room għal kamra oħra (conference room). Fil-board room il-ġdida għandu jiġi installat A/C (fil-prezenti m'hemmx.) Il-Kunsilli qabel ukoll li għandhom jinxtraw mejda ġdida (preferibbilment waħda extendable) u s-siġġijiet għal maha. Il-facilitajiet li hemm prezenti fil-boardroom iridu jiccaqalqu minn kamra għal oħra.

## 44.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

44.7.1 Il-Kunsilliera staqsew dwar il-pagament ta' deposit għal Panta. Dan id-deposit ikopri tliet A/Cs għal-ufficini tal-backoffice. Il-quote tinkludi is-sistema, copper u installazzjoni.

44.7.2 Il-Kunsilliera H.Caruana staqsa dwar il-pagament ta' Paul Fenech. Is-Sindku qal li dawn huma spejjez tal-koferenza li saret f'Novembru u l-fondi kollha ġejjin mil-Unjoni Europea.

44.7.3 Il-Kunsilliera qablu li sabiex ikun hemm iktar trasparenza fuq il-pagamenti, l-invoices kollha imniezla fil-lista għandhom ikunu aċċessibli wkoll bl-stess mod qabel kull laqgħa f'folder specifiku.

44.7.4 Il-Kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-Kunsillier A.Zammit ssekonda.

## 44.8 Mozzjonijiet

44.8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 44.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

44.9.1 Il-laqgħa intemmet ghall-ħabta ta' 10.00pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-Erbgħa 25 ta’ Mejju 2022 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 25 ta’ Mejju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Claire Goodlip<br>Aġent. Segretarju Eżekuttiv |